



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 25.6.2019  
COM(2019) 350 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI**

**LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-QORTI TAL-AWDITURI**

**Rapport Annwali lill-Awtorità tal-Kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018**

{SWD(2019) 300 final}

## Werrej

<b>1.</b>	<b>INTRODUZZJONI.....</b>	<b>2</b>
<b>2.</b>	<b>IL-MISSJONI TAS-SERVIZZ TAL-AWDITJAR INTERN: INDIPENDENZA, OĠĠETTIVITÀ, RESPONSABBILTÀ.....</b>	<b>2</b>
<b>3.</b>	<b>ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XOGĦOL TAL-AWDITJAR.....</b>	<b>3</b>
3.1.	Implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar tal-2018.....	3
3.2.	<i>Data</i> statistika dwar ir-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern.....	5
<b>4.</b>	<b>KONKLUŻJONIJET DWAR IL-ĦIDMA TAL-AWDITJAR IMWETTQA FL-2018 .....</b>	<b>8</b>
4.1.	Il-konklużjonijiet dwar l-awditi tal-prestazzjoni .....	8
4.1.1.	Il-Prestazzjoni ta' Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni, servizzi u aġenzji eżekuttivi: proċeduri orizzontali.....	8
4.1.2.	Il-prestazzjoni fl-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet operattivi u amministrattivi tal-baġit.....	12
4.2.	Konklużjonijiet limitati tas-Servizz tal-Awditjar Intern.....	14
4.3.	Opinjoni kumplessiva dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni .....	15
<b>5.</b>	<b>KONSULTAZZJONI MAL-BORD TAL-IRREGOLARITAJET FINANZJARJI TAL-KUMMISSJONI .....</b>	<b>16</b>
<b>6.</b>	<b>MIŻURI TA' MITIGAZZJONI FIR-RIGWARD TA' KUNFLITTI TA' INTERESSI POTENZJALI (STANDARDS INTERNAZZJONALI) – INVESTIGAZZJONI TAL-OMBUDSMAN EWROPEW .....</b>	<b>16</b>
<b>7.</b>	<b>AKTAR MONITORAĠĠ U SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJET TAL-AWDITJAR .....</b>	<b>18</b>

## 1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bħala parti mill-proċedura ta' kwittanza u skont l-Artikoli 118 u 247 tar-Regolament Finanzjarju, dwar l-awditjar intern imwettaq fil-Kummissjoni fl-2018. Huwa bbażat fuq ir-rapport imħejji mill-Awditur Intern tal-Kummissjoni dwar awditi tas-Servizz tal-Awditjar Intern u rapporti ta' konsulenza li tlestew fl-2018 (1). Ikopri **l-awditi li saru fid-Direttorati Ġenerali, is-servizzi u l-aġenziji eżekuttivi tal-Kummissjoni** (2), u jinkludi (i) sommarju tan-numru u t-tip tal-awditi interni li twettqu; (ii) sinteżi tar-rakkomandazzjonijiet li saru; u (iii) l-azzjoni meħuda fuq daww ir-rakkomandazzjonijiet.

## 2. IL-MISSJONI TAS-SERVIZZ TAL-AWDITJAR INTERN: INDIPENDENZA, OĠĠETTIVITÀ, RESPONSABILITÀ

Il-missjoni tas-Servizz tal-Awditjar Intern hija li **jtejjeb u jiproteġi l-valur organizzazzjonali billi jipprova assigurazzjoni, pariri u intuizzjoni oġġettivi u bbażati fuq ir-riskju**. Is-Servizz tal-Awditjar Intern jgħin il-Kummissjoni tilħaq l-oġġettivi tagħha permezz ta' approċċ sistematiku u dixiplinat sabiex tevalwa u ttejjeb l-effikaċja tal-ġestjoni tar-riskju u tal-proċeduri ta' kontroll u ta' governanza. Il-kompiti tiegħu jinkludu l-valutazzjoni u t-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet xierqa biex itejbu l-ġestjoni tar-riskju, il-kontroll u l-proċess ta' governanza biex jinkisbu t-tliet oġġettivi li ġejjin: (i) il-promozzjoni ta' etika u ta' valuri xierqa fi ħdan l-organizzazzjoni; (ii) li jiġu żgurati l-ġestjoni u r-responsabbiltà effettivi tal-prestazzjoni organizzattiva; u (iii) effettivament tikkomunika informazzjoni dwar ir-riskju u l-kontroll f'oqsma xierqa tal-organizzazzjoni. Meta jagħmel dan, is-Servizz tal-Awditjar Intern għandu l-għan li jipromwovi kultura ta' ġestjoni effiċjenti u effettiva fi ħdan il-Kummissjoni u d-dipartimenti tagħha.

**L-indipendenza tas-Servizz tal-Awditjar Intern hija minqax fir-Regolament Finanzjarju** (3) u l-**Karta tal-Missjoni tiegħu** (4) kif adottata mill-Kummissjoni. Din il-karta tistipula li, biex tiġi żgurata l-oġġettività fil-ġudizzju tagħhom u jiġi evitat kunflitt ta' interess, l-awdituri tas-Servizz tal-Awditjar Intern iridu jippreservaw l-indipendenza tagħhom fir-rigward tal-attivitàjiet u l-operazzjonijiet li jirriżaminaw. Jekk l-oġġettività hija mxekkla fil-fatt jew fid-dehra, id-dettalji ta' indeboliment jenħtieġ li jiġu żvelati. Jekk l-Awditur Intern iqis li huwa meħtieġ, huwa jista' jindirizza lilu nnifsu direttament lill-President tal-Kummissjoni u/jew lill-Kulleġġ.

Is-Servizz tal-Awditjar Intern iwettaq ix-xogħol tiegħu skont ir-Regolament Finanzjarju, l-Istandards Internazzjonali għall-Prattika Professjonali tal-Awditjar Intern u l-Kodiċi ta' Etika tal-Istitut tal-Awdituri Interni.

**Is-Servizz tal-Awditjar Intern jirrapporta — u funzjonalment huwa responsabbli — lejn il-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar**. Il-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar jassisti lill-Kulleġġ tal-Kummissarji fil-qadi tal-obbligi tiegħu skont it-Trattati, ir-Regolament Finanzjarju u skont strumenti statutorji oħra. Jagħmel dan billi (i) jiżgura l-indipendenza tas-Servizz tal-Awditjar Intern; (ii) jagħmel monitoraġġ tal-kwalità tax-xogħol ta' awditjar intern; (iii) jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar intern u estern jiġu kkunsidrati b'mod xieraq mis-servizzi tal-Kummissjoni; u (iv) jiżgura li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jirċievu segwitu xieraq. B'dan il-mod, il-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar jgħin biex itejjeb l-effikaċja u l-effiċjenza tal-Kummissjoni fil-kisba tal-għanijiet tagħha. Il-Kumitat jiffaċilita wkoll is-sorveljanza tal-Kulleġġ tal-governanza, il-ġestjoni tar-riskju u l-prattiki ta' kontroll intern tal-Kummissjoni. F'Jannar tal-2018, l-Awditur Intern ħareġ rapport tal-awditjar dwar il-governanza fil-Kummissjoni. Dan ir-rapport identifika l-

1 Ir-rapporti tal-awditjar li ġew iffinalizzati fil-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2018 u l-31 ta' Jannar 2019 qegħdin f'dan ir-rapport.

2 Ir-rapport ma jkoprix l-aġenziji Ewropej deċentralizzati, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jew korpi oħra awditjati mis-Servizz tal-Awditjar Intern, li jirċievu rapporti annwali separati.

3 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

4 Ref. C(2017)4435 final tat-30 ta' Ġunju 2017, il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni, il-Karta tal-Missjoni tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea.

ħtieġa għal titjib proporzjonat fir-rigward ta', fost l-oħrajn, il-ġestjoni tar-riskju, ir-rappurtar finanzjarju u l-mandati tal-korpi korporattivi (ta' sorveljanza). Il-karta tal-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar ġiet aġġornata f'Novembru tal-2018 bħala parti mis-segwitu tal-Kummissjoni għal dan l-awditu.


Is-Servizz tal-Awditjar Intern ma jagħmilx awditjar tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri fuq il-fondi tal-UE. Tali awditi jinżlu sal-livell tal-benefiċjarji individwali u jitwettqu mill-awdituri interni tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar, direttorati ġenerali oħra individwali tal-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Madankollu, is-Servizz tal-Awditjar Intern jagħmel awditu ta' miżuri meħuda mis-servizzi tal-Kummissjoni biex jissorvelja u jawditja (i) korpi fl-Istati Membri; u (ii) korpi oħra, li huma responsabbli għall-iżborżar ta' fondi tal-UE, bħan-Nazzjonijiet Uniti. Kif previst fir-Regolament Finanzjarju, is-Servizz tal-Awditjar Intern jista' jwettaq dawn il-kompiti fuq il-post, inkluż fl-Istati Membri.

### 3. ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XOGĦOL TAL-AWDITJAR

#### 3.1. Implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar tal-2018

Sad-data ta' skadenza tal-31 ta' Jannar 2019, **ġie implimentat 100 % tal-pjan aġġornat tal-awditjar tal-2018** <sup>(5)</sup>. Dan il-pjan tal-awditjar inkluda awditi tas-servizzi tal-Kummissjoni u tal-aġenziji eżekuttivi <sup>(6)</sup>.


Tlestew 166 "impenn" (li jikkonsistu f'awditi, konsultazzjoni, azzjonijiet ta' segwitu u rieżamijiet) u nħarġu 181 rapport (inklużi noti ta' segwitu u ittri ta' ġestjoni)<sup>7</sup>. Analiżi tat-tipi ta' impenji u rapporti li tlestew tinsab fil-grafika ta' hawn taħt.



5 Ara wkoll ir-rapport tal-attività annwali tal-2018 tas-Servizz tal-Awditjar Intern.

6 Id-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-awditi kollha lesti u s-segwitu tal-impenji tal-awditjar.

7 Id-differenza bejn l-għadd ta' rapporti u l-għadd ta' impenji tirriżulta mill-fatt li impenn tal-awditjar jista' jirriżulta f'diversi rapporti li jinħarġu (eż. minbarra r-rapport tal-awditjar finali, tista' tintbagħat ittra ta' ġestjoni lill-partijiet awditjati jew lil dipartimenti oħra, skont ir-riżultati tax-xogħol tal-awditjar).




Il-pjan inizjali tal-2018 (li kien jinkludi 52 impenn tal-awditjar, (li jikkonsisti f'awditi, impenji ta' rieżamijiet u konsulenza, iżda esklużi s-segwiti) ġie aġġornat f'nofs is-sena. Kemm il-pjanijiet inizjali kif ukoll daww aġġornati ġew ikkunsidrati mill-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar.

Is-servizz tal-Awditjar Intern jippjana x-xogħol tal-awditjar tiegħu fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju u analiżi tal-kapaċità. Dan huwa meħtieġ mill-Karta tiegħu u mill-istandards internazzjonali, u jgħin ukoll biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-pjan ta' awditjar. L-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar imbagħad tiġi mmonitorjata regolarmet u jsiru l-aġġustamenti kif meħtieġ. Fl-2018, is-Servizz tal-Awditjar Intern wettaq valutazzjoni tar-riskju fil-fond li rriżultat fi pjan strateġiku pluriennali tal-awditjar għall-perjodu 2019–2021 kif ukoll fi pjan tal-awditjar annwali għas-sena 2019.

### 3.2. **Data statistika dwar ir-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern**


L-għadd ta' rakkomandazzjonijiet maħruġa mis-Servizz tal-Awditjar Intern fl-2018 jidher fil-figura ta' hawn taħt.



**100 % tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa ġew aċċettati.** Għar-rakkomandazzjonijiet kollha, il-partijiet awditjati fasslu abbozzi ta' pjanijiet ta' azzjoni, li tressqu — u ġew iwwalutati bħala sodisfaċenti — mis-Servizz tal-Awditjar Intern.



1 572 (81 %) mill-għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet aċċettati (ġew aċċettati total ta' 1 938) imwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Intern matul il-perjodu 2014-2018 kienu vwalutati bħala

implimentati mill-partijiet awditjati sad-data limitu tal-31 ta' Jannar 2019 (8). Dan iħalli total ta' 366 rakkomandazzjoni (19 %) li kienu għadhom miftuħa f'dik id-data.



Minn dawn it-366 rakkomandazzjoni miftuħa (9), 1 hija kklassifikata bħala kritika (10) u 135 huma kklassifikati bħala importanti ħafna u 103 skaditilhom id-data tal-għeluq (jiġifieri ma ġewx implimentati sad-data ta' implimentazzjoni miftiehma oriġinarjament). Dawn ir-rakkomandazzjonijiet li suppost diġà saru jirrappreżentaw 5.3 % tat-total ta' 1 938 rakkomandazzjoni aċċettata. Minn dawn il-103 rakkomandazzjoni li suppost diġà saru **18-il rakkomandazzjoni importanti ħafna ilhom ħafna li kellhom isiru** (jiġifieri meta r-rakkomandazzjoni tkun għadha miftuħa aktar minn 6 xhur wara d-data tal-implimentazzjoni oriġinali). Dawn **jirrappreżentaw biss 2.9 % tan-numru totali ta' rakkomandazzjonijiet kritiċi u importanti ħafna aċċettati fil-perjodu 2014–2018** (meta mqabbel mat-2.0 % fil-perjodu ta' rappurtar preċedenti). L-għadd ta' rakkomandazzjonijiet ta' awditjar importanti ħafna li skadew b'aktar minn 6 xhur naqas b'mod konsiderevoli f'dawn l-aħħar snin (minn medja ta' 28 fil-perjodu minn Ġunju 2015 sa Ottubru 2016 għal medja ta' 15 minn Jannar tal-2017). Jinsab għaddej ix-xogħol fuq l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet u se jkompli jiġi mmonitorjat mill-qrib mill-Kumitat ta' Progress tal-Awditjar.

- 8 Il-grafika turi l-klassifikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fid-data limitu. Din tista' tkun differenti mill-klassifikazzjoni fir-rapport oriġinali jekk azzjonijiet sussegwenti meħuda mill-parti awditjata jitqiesu suffiċjenti mis-Servizz tal-Awditjar Intern sabiex jiġu mmitigati parzjalment ir-riskji identifikati u għalhekk jitnaqqas il-grad tar-rakkomandazzjoni.
- 9 Barra minn hekk, rakkomandazzjoni waħda importanti maħruġa qabel l-2013 għadha miftuħa (PMO — Audit on New Pay Application).
- 10 Minn dakinhar, is-Servizz tal-Awditjar Intern innota li r-riskji sottostanti ġew parzjalment mitigati u ddegradaw il-klassifikazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni għal importanti ħafna.



B'mod ġenerali, is-Servizz tal-Awditjar Intern iqis li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar hija sodisfaċenti u tista' titqabbel ma' perjodi ta' rappurtar preċedenti. Din is-sitwazzjoni attwali tindika li **s-servizzi tal-Kummissjoni huma diliġenti fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet importanti ħafna**, u li għalhekk huma jimmitigaw ir-riskji identifikati mis-Servizz tal-Awditjar Intern. Madankollu, jenħtieġ li tingħata attenzjoni lir-rakkomandazzjonijiet individwali meqjusa bħala importanti ħafna li qabeż żmienhom ġmielu (jiġifieri b'aktar minn 6 xhur).

Sommarju ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet importanti ħafna u li ilhom li skadew huwa pprovdut fid-dokument ta' ħidma tal-persunal (Taqsim 3) anness ma' dan ir-rapport.

#### 4. KONKLUŻJONIJIET DWAR IL-ĦIDMA TAL-AWDITJAR IMWETTQA FL-2018

##### 4.1. Il-konklużjonijiet dwar l-awditi tal-prestazzjoni

Biex jikkontribwixxi għall-kultura tal-Kummissjoni bbażata fuq il-prestazzjoni u jiffoka aktar fuq il-valur għall-flus, is-Servizz tal-Awditjar Intern wettaq żewġ tipi ta' awditi fl-2018: awditi tal-

prestazzjoni (11) u awditi li jinkludu elementi importanti ta' prestazzjoni (awditi komprensivi). It-tweġġ ta' dawn iż-żewġ tipi ta' awditi kien parti mill-pjan ta' awditjar strateġiku tas-Servizz tal-Awditjar Intern 2016–2018.

F'konformità mal-metodoloġija u l-aħjar prattika tiegħu, is-Servizz tal-Awditjar Intern avviċina l-prestazzjoni b'mod indirett. Huwa jagħmel dan billi jeżamina jekk u kif il-maniġment ikun stabbilixxa sistemi ta' kontroll biex jivvaluta u jipprovi assigurazzjoni dwar il-prestazzjoni (l-effiċjenza u l-effikaċja) tal-attivitajiet tiegħu. Permezz ta' dan l-approċċ, is-**Servizz tal-Awditjar Intern għandu l-għan li jiżgura li d-Direttorati Ġenerali u s-Servizzi jkun stabbilew oqfsa adegwati ta' prestazzjoni u għodod ta' kejl tal-prestazzjoni, indikaturi ewlenin u sistemi ta' monitoraġġ**. Sa ċertu punt dan jirriżulta mill-fatt li numru kbir ta' bażijiet ġuridiċi jistabbilixxu objettivi b'amibitu usa' minn dak li l-Kummissjoni tista' tikseb waħidha. Dan ifisser li l-objettivi u l-punti ta' riferiment SMART (12) l-ewwel iridu jiġu deċiżi fil-livell tal-Kummissjoni. L-għan ta' dawn l-objettivi u l-punti ta' riferiment huwa li l-kontribuzzjoni speċifika tal-Kummissjoni tiġi separata kemm jista' jkun minn dik ta' atturi ewlenin oħra li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u l-kisba tal-objettivi tal-UE (Stati Membri, reġjuni, pajjiżi barra l-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ.).

It-taqsimiet li ġejjin jippreżentaw il-konklużjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern dwar id-diversi aspetti tal-prestazzjoni tal-awditjar tiegħu li saru fl-2018.

#### 4.1.1. *Il-Prestazzjoni ta' Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni, servizzi u aġenziji eżekuttivi: proċeduri orizzontali*

##### 4.1.1.1. Rieżami tas-sinerġiji u tal-effiċjenzi

Parti kbira tal-awditi interni tal-2018 iffokaw fuq l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi fid-direttorati ġenerali u s-servizzi differenti tal-Kummissjoni.

Inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni f'dan il-qasam hija **r-rieżami tas-sinerġiji u tal-effiċjenzi** mniedi fl-2016 (13). Din l-inizjattiva estensiva kienet immirata biex tibdel il-modi ta' ħidma fil-Kummissjoni, tikseb titjib fl-effiċjenza fil-funzjonijiet ta' appoġġ u tillibera riżorsi għal riallokazzjoni lejn oqfsa li għandhom l-akbar importanza politika. L-awditu tas-Servizz tal-Awditjar Intern irrikonoxxa li l-inizjattiva tar-rieżami tas-sinerġiji u tal-effiċjenzi hija sfida ewlenija għall-Kummissjoni. L-inizjattiva introduċiet modi ġodda u innovattivi ta' ħsieb u biex jinstabu soluzzjonijiet għal problemi. L-effett trasversali tal-approċċ tal-“pijunier tad-dominju”, b'mod partikolari, qed jgħin biex jtkissru l-ħsiebijiet kompartmentalizzati u jħeġġeġ mod aktar konness ta' ħsieb. L-inizjattiva għaddiet minn perjodu diffiċli ħafna wara t-tnedija tagħha, li kien mistenni minħabba n-natura ambizzjuża tagħha. Sa minn dawk il-jiem bikrija, is-Servizz tal-Awditjar Intern jinnota l-progress li sar u l-isforzi kollettivi biex jiġu indirizzati l-lakuni fil-qafas sottostanti. Dawn għandhom l-għan li jimplimentaw proċessi aktar b'saħħithom u li jagħtu momentum ġdid lil inizjattiva fejn l-aspettattivi jibqgħu għoljin ħafna, b'mod partikolari fid-dawl tat-tmiem tal-mandat tal-Kummissjoni attwali u l-bidu ta' Kummissjoni ġdida fl-2019. Ħafna mill-isfidi inizjali bħal (i) in-nuqqas ta' direzzjoni ċentrali dwar kwistjonijiet ewlenin; (ii) li jiġu żgurati r-robustezza u l-fattibbiltà tal-iffrankar; (iii) kwistjonijiet baġitarji; (iv) nuqqas ta' monitoraġġ effettiv; u (v) approċċ li ma jkunx komuni u konġunt biżżejjed, qed jiġu indirizzati. Madankollu, għad hemm ħidma konsiderevoli biex jinkisbu sinerġiji u effiċjenzi sostenibbli u ġenwini u biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar l-Analiżi tas-Sinerġiji u l-Effiċjenzi tal-2016 fil-ħin. Jeħtieġ li jsir aktar biex jiġi sfruttat il-progress li sar diġà u biex jiġi żgurat li r-rieżami tas-sinerġiji u l-effiċjenzi jkun inkorporat fil-kultura tal-Kummissjoni.

---

11 B'kollox, is-Servizz tal-Awditjar Intern wettaq 42 awditu komprensiv u tal-prestazzjoni. Għal aktar dettalji ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal.

12 SMART: (specific, measurable, achievable, realistic and timely) speċifiku, li jista' jitkejjel, li jista' jinkiseb, realistiku u fil-ħin.

13 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni SEC(2016)170 final.



L-awditu sab ukoll li fil-livell korporattiv, is-servizzi ċentrali għandhom jiddefinixxu kriterji ċari għad-determinazzjoni tal-iffrankar u biex jiġi mmonitorjat mill-qrib il-progress li jkun sar lejn il-kisba tal-mira, u l-“pjunieri tad-dominju” għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta’ kwalità xierqa biex juru l-livell ta’ kwalità tas-servizzi tagħhom għad-direttorati ġenerali tal-klijent u jieħdu azzjonijiet ta’ rimedju meta jkun meħtieġ. Ir-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern f’dan ir-rigward jeħtieġ li jitqiesu bħala titjib proporzjonat bil-għan li jgħin biex jiġi żgurat li l-inizjattiva ta’ rieżami tas-sinerġiji u tal-effiċjenzi fl-aħħar mill-aħħar jirnexxi biex iwettaq l-oġettivi tiegħu. Wara l-awditu tas-Servizz tal-Awditjar Intern, f’April 2019 il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni ġdida dwar l-Inizjattiva tas-Sinerġiji u l-Effiċjenzi (14).

#### 4.1.1.2. Proċeduri ta’ governanza

Fl-2017, is-Servizz tal-Awditjar Intern irrapporta dwar bosta dgħufijiet identifikati fil-proċessi ta’ governanza fil-Kummissjoni. **Wara r-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern, f’Novembru 2018 il-Kummissjoni ħarġet sett ta’ komunikazzjonijiet u deċiżjonijiet** (il-“pakkett ta’ governanza”) biex tindirizza l-kwistjonijiet identifikati mis-Servizz tal-Awditjar Intern u taġġorna l-arranġamenti ta’ governanza korporattiva tal-Kummissjoni.

Fl-2018, diversi awditi ffokaw ukoll fuq aspetti ta’ governanza f’oqsma ta’ politika differenti.

L-awditu dwar **il-governanza tat-telekomunikazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa** wera li peress li l-programm tat-telekom tnedja fl-2014, huwa ħabbat wiċċu ma’ żieda konsiderevoli fil-firxa ta’ servizzi offruti u fil-kumplessità. L-istruttura ta’ governanza, kif stabbilita inizjalment, m’għadhiex adattata għall-kumplessità attwali tal-programm u għall-iżviluppi futuri taħt il-programm Ewropa Diġitali u din is-sitwazzjoni tista’ taffettwa wkoll l-implimentazzjoni effettiva fil-livell tal-programm. Għalhekk, is-Servizz tal-Awditjar Intern irrakkomanda lid-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija li huwa jtejjeb, f’kooperazzjoni mad-direttorati ġenerali l-oħra li qed jimplementaw il-programm, il-qafas ta’ prestazzjoni attwali tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Is-servizz tal-Awditjar Intern irrakkomanda wkoll li d-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija jimmonitorja kif xieraq il-progress u r-risultati tiegħu billi jistabbilixxi oġettivi u indikaturi li jistgħu jitkejlu.

Il-**governanza tat-teknoloġija tal-informatika**, l-arranġamenti speċifiċi ta’ governanza fid-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp għall-ġestjoni tal-programm OPSYS (Sistema Operazzjonali (15)) u s-sottoproġetti relatati huma ġeneralment effiċjenti u effettivi. Madankollu, il-mudell ta’ governanza tas-sistema ta’ informazzjoni fis-seħħ mhuwiex adattat biżżejjed għax-xenarju futur tat-teknoloġija tal-informazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp, ladarba l-OPYS jiġi skjerat fil-produzzjoni. Is-Servizz tal-Awditjar Intern irrakkomanda li d-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp isaħħaħ il-governanza tad-*data* tiegħu.

Is-servizz tal-Awditjar Intern ħareġ ukoll rakkomandazzjonijiet dwar in-nuqqasijiet identifikati fil-governanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni u fis-sigurtà tal-informazzjoni fil-qasam tas-Sistema Esperta tal-Kontroll u tal-Kontroll (TRACES 16).

---

14 C(2019)2329 final tas-26 ta’ Marzu 2019 (L-inizjattiva tas-Sinerġiji u l-Effiċjenzi: ‘rendikont u fejn sejin’).

15 Il-programm OPSYS2 għandu l-għan li, sal-2020, jissostitwixxi 90 % tas-sistemi tal-legat tat-teknoloġija tal-informazzjoni tal-familja tal-għajnuna esterna tad-direttorati ġenerali b’sensjela ta’ komponenti u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva li jistgħu jerġgħu jintużaw kif ukoll biex tissaħħaħ il-konverġenza korporattiva fil-programm ta’ Għotja elettronika/Akkwist elettroniku għat-titjib tas-sinerġiji u tal-effiċjenzi fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

16 TRACES hija l-għodda tal-ġestjoni online tal-UE biex timmaniġġja ċ-ċertifikati u d-dokumenti: (i) animali, is-saħħa tal-animali, il-prodotti tal-animali u l-pjanti fid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari; (ii) Il-liċenzji tal-injam fid-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent; (iii) iċ-ċertifikati organiċi fid-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali; (iv) u skemi ta’ ċertifikazzjoni tal-qbid fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

### 4.1.1.3. Il-proċessi tal-ġestjoni tar-riżorsi umani

Fir-riżorsi umani, **awditu tal-ġestjoni tar-riżorsi umani fiċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka** sab li s-sistema ta' ġestjoni u kontroll għar-reklutaġġ ta' persunal xjentifiku temporanju: (i) hija mfassla b'mod adegwat; (ii) tiżgura reklutaġġ b'mod legali u regolari; u (iii) hija effettiva biex twieġeb għall-ħtiġijiet ta' kuljum. Madankollu, is-sistema ta' ġestjoni u kontroll mhijiex effettiva fi: (i) l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' kompetenza tal-persunal xjentifiku fuq medda twila ta' żmien; u (ii) il-monitoraġġ tal-proċess tar-reklutaġġ. Dawn in-nuqqasijiet jistgħu jaffettwaw il-kisba tal-għanijiet ambizzjużi stabbiliti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fl-istrateġija 2030 tiegħu. Instab ukoll li l-ġestjoni tar-riżorsi umani kienet ukoll problema fl-awditjar tal-programm tad-dekummissjonar nukleari u tal-ġestjoni tal-iskart taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. Hawnekk, kien hemm lakuna bejn ir-riżorsi meħtieġa u r-riżorsi disponibbli biex jiġu ssodisfati r-responsabbiltajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fid-dekummissjonar (kemm f'termini tal-għadd ta' persunal kif ukoll f'termini ta' profili/għarfien espert). Barra minn hekk, l-arranġamenti biex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju fil-każ ta' assenzi/nuqqas ta' persunal mhumiex kompletament effettivi. Dan joħloq ambjent pjuttost fraġli, li mhuwiex sostenibbli fit-tul, speċjalment b'kunsiderazzjoni taż-żieda fl-attivitatijiet relatati mad-dekummissjonar nukleari u l-ġestjoni tal-iskart — u l-bidliet fin-natura tagħhom.

Il-kwistjonijiet identifikati fiċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka huma simili għal dawk identifikati f'awditi oħra mwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Intern fl-2016–2018 u rrapportati fis-snin preċedenti. Għalhekk, fl-2018, is-**Servizz tal-Awditjar Intern bagħat ittra ta' ġestjoni lid-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà biex jiddeskrivi l-kwistjonijiet komuni identifikati** f'dawn l-eżerċizzji tal-awditjar. Din l-ittra, qajmet għadd ta' kwistjonijiet għall-kunsiderazzjoni biex il-Kummissjoni tkun tista' tirrispondi b'mod effettiv għall-isfidi tar-riżorsi umani affaċċjati mid-direttorati ġenerali u s-servizzi. Dawn il-kwistjonijiet huma partikolarment importanti f'kuntest ta' żieda fil-perssoni politika għal: (i) it-twertiq tar-riżultati; (ii) ir-rimobilizzazzjoni tar-riżorsi għal oqsma li għandhom l-akbar importanza politika; (iii) it-tnaqqis tal-persunal u (iv) ir-ristrutturar tal-komunità tar-riżorsi umani u l-mudell il-ġdid tal-għoti tas-servizzi tar-riżorsi umani bħala riżultat tal-inizjattiva tar-rieżami tas-sinerġiji u tal-effiċjenzi. Il-kwistjonijiet rikorrenti ewlenin identifikati mis-Servizz tal-Awditjar Intern huma: (i) in-nuqqas ta' strateġiji u pjanijiet ta' riżorsi umani multiannwali komprensivi u koerenti; (ii) id-dgħufijiet fil-valutazzjoni tat-tagħbija tax-xogħol, l-immappjar tal-kompiti u l-immappjar tal-ħiliet, li kollha huma elementi ewlenin sabiex wieħed jasal għal deċiżjonijiet robusti dwar l-allokkazzjoni tar-riżorsi umani, u (iii) insuffiċjenza ta' *data* tar-riżorsi umani u ta' rapporti ta' valur miżjud, magħmula disponibbli mil-livell korporattiv.

### 4.1.1.4. Proċeduri oħra

Diversi awditi kkonkludew li jista' jsir ukoll aktar progress fit-titjib tal-prestazzjoni ġenerali ta' proċessi "orizzontali" oħra (jiġifieri proċessi li jaffettwaw varjetà ta' oqsma politiċi u amministrattivi differenti).

Is-**Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES)** hija għodda ta' twissija, li fiha informazzjoni ristretta dwar partijiet terzi li x'aktarx jirrappreżentaw theddida għall-interessi finanzjarji u r-reputazzjoni tal-UE. L-għan tas-sistema huwa li tiġġieled il-frodi u tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE, u b'hekk tippermetti lill-uffiċjali awtorizzanti jieħdu deċiżjonijiet infurmati. L-awditu dwar is-Sistema ta' Detezzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni sabet li s-sistema nnifisha ta' kontroll hija ġeneralment imfassla b'mod effettiv u effiċjenti, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġuridiċi applikabbli. Madankollu, l-awditu identifika żewġ kwistjonijiet: (i) linji gwida u sensibilizzazzjoni; u (ii) l-implimentazzjoni Prattika tas-Sistema ta' Individwazzjoni u ta' Esklużjoni Bikrija. Is-servizz tal-Awditjar Intern għalhekk irrakkomanda li jsiru sforzi sinifikanti, kemm fil-livell korporattiv kif ukoll f'dak lokali, sabiex tinħoloq sensibilizzazzjoni u implimentazzjoni tas-Sistema ta' Individwazzjoni u ta' Esklużjoni Bikrija fi stat matur biex jiġi żgurat li tkun ukoll operattiva b'mod effettiv.

Kuljum, il-Kummissjoni Ewropea toħloq, takkwista u xxerred assi intanġibbli. Ħafna drabi, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali bħad-drittijiet tal-awtur, it-trademarks u l-privattivi jiproteġu dawn l-assi. Fl-istess ħin, il-persunal tal-Kummissjoni jista' jkollu juża proprjetà intellettwali proprjetà ta' partijiet terzi. Għalhekk huwa meħtieġ li **tiġi ġestita l-proprjetà intellettwali fil-**

**Kummissjoni Ewropea b'mod effiċjenti u effettiv.** Għalkemm il-Kummissjoni fasslet governanza adegwata, ġestjoni tar-riskju u proċessi ta' kontroll għall-attivitajiet relatati mal-proprjetà intellettuali tagħha, ġew identifikati dgħufijiet fl-implimentazzjoni tagħhom ta' dawn il-proċessi fil-livell korporattiv. B'mod partikolari, instabu nuqqasijiet fl-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-assi tal-proprjetà intellettuali, u fil-klawżoli tal-proprjetà intellettuali marbuta ma' kuntratti tas-softwer. Minbarra r-rakkomandazzjonijiet li saru biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, is-Servizz tal-Awditjar Intern irrakkomanda lid-Direttorat Ġenerali għall-Informatika u liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka li flimkien jiżviluppaw politika ta' softwer korporattiv għall-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' softwer proprjetà tal-Kummissjoni.

**Il-ġestjoni tar-riskju** huwa dwar l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni bir-reqqa tal-problemi potenzjali li jistgħu jaffettwaw l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet tal-organizzazzjoni u l-kisba tal-objettivi tiegħu. Proċess ta' ġestjoni tar-riskju robust u matur, li jifforma parti integrali mill-proċessi ta' ġestjoni, jista' jżid il-valur lil organizzazzjoni billi jżid il-probabbiltà li jikseb l-għanijiet tiegħu, b'mod partikolari jekk dawn l-organizzazzjonijiet jintlaqtu minn bidla sinifikanti. Għad-Direttorati Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni u għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, l-awditi sabu li l-proċess tal-ġestjoni tar-riskju għadu ma ġiex integrat b'mod sħiħ fil-kultura u s-sistemi tad-direttorati ġenerali. Bi tveġiba għall-kwistjonijiet identifikati, is-Servizz tal-Awditjar Intern irrakkomanda liż-żewġ direttorati ġenerali li jsaħħu l-gwida u l-metodoloġija tagħhom għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji biex jinkludu l-kunsiderazzjoni tal-opportunitajiet mitlufa, id-dimensjonijiet esterni u r-riskji trasversali u l-possibbiltà li jintużaw metodoloġiji ta' identifikazzjoni tar-riskju differenti li jitqabblu aħjar maċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom.

Kieku l-Kummissjoni kellha tesperjenza analiżi dettaljata ta' waħda jew aktar mis-sistemi kritiċi tagħha, din jista' jkollha impatt sinifikanti fuq ir-reputazzjoni. Minn dan isegwi li **r-rekwiżiti tal-kontinwità tan-negożju tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni** huma impenjattivi ħafna. Għalkemm id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni stabbilixxa diversi kontrolli li kellhom l-għan li jnaqqsu r-riskji, is-Servizz tal-Awditjar Intern identifika dgħufija fl-istadju ewlieni li fuqu hija mibnija l-ġestjoni tal-kontinwità tan-negożju: il-proċess ta' analiżi tal-impatt fuq in-negożju.

Hija essenzjali l-koordinazzjoni adegwata ta' attivitajiet u kooperazzjoni mal-partijiet interessati biex tiġi żgurata azzjoni konsistenti u effettiva bejn oqsma ta' politika differenti.

Fl-azzjoni esterna, jeżistu **attivitajiet ta' koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp, id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir u s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija) u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**, fil-ġestjoni tad-delegazzjonijiet tal-UE u fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-istrumenti esterni. Dawn l-attivitajiet ta' koordinazzjoni jsiru kemm fil-livell tal-kwartieri ġenerali kif ukoll fil-livell ta' delegazzjoni tal-UE. L-attivitajiet ta' koordinazzjoni nstabu li kienu effettivi u effiċjenti b'mod ġenerali, minkejja li ġiet identifikata dgħufija fil-koordinazzjoni fil-livell tal-pajjiżi. Is-servizz tal-Awditjar Intern b'mod partikolari rrakkomanda lid-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp u lid-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir li huma jkomplu jiżviluppaw l-għodda operattiva (id-dashboards tal-implimentazzjoni tal-għajnuna) biex jistabbilixxu portafoll konsolidat tal-proġetti ffinanzjati mill-UE.

**Il-Eurostat** jikkoopera mill-qrib ma' korpi oħra tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali biex itejjeb il-metodoloġija statistika u l-iskambju tad-dejta. Din **il-kooperazzjoni ma' partijiet interessati esterni** għandha impatt sinifikanti fuq l-implimentazzjoni tal-programm statistiku Ewropew. Il-Eurostat stabbilixxa arranġamenti effettivi ta' kooperazzjoni ma' għadd ta' partijiet interessati esterni, iżda s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fis-seħħ huma nieqsa minn politika ġenerali ċara fil-livell tad-direttorat ġenerali. Barra minn hekk, il-koordinazzjoni tal-attivitajiet u l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti fi ħdan id-direttorat ġenerali wkoll jeħtieġ li jittejbu.

Diversi aspetti tal-inizjattiva għal **regolamentazzjoni aħjar** kienu awditjati diversi drabi. Dan kien jinvolvi awditi tal-proċess ta' evalwazzjoni fid-Direttorati Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, għall-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, u għall-Politika Reġjonali u Urbana; awditu dwar it-tnejja ta' inizjattivi leġiżlattivi fid-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali; u awditu dwar il-monitoraġġ u l-infurzar tal-liġi tas-saħħa tal-UE fid-Direttorat Ġenerali

għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari. Ma ġiet identifikata l-ebda kwistjoni ta' prestazzjoni sinifikanti f'dawn l-oqsma.

#### 4.1.2. *Il-prestazzjoni fl-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet operattivi u amministrattivi tal-baġit*

##### 4.1.2.1. *Ġestjoni diretta*

Fil-qasam tal-fondi ġestiti b'mod dirett, diversi awditi vvalutaw il-ġestjoni tal-għotjiet mill-aġenziji eżekuttivi (l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks, l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka). **Ma ġiet identifikata l-ebda dgħufija sinifikanti fil-prestazzjoni, ħlief għall-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura.** F'din l-aġenzija, għalkemm ma nstabu l-ebda kwistjonijiet sinifikanti f'termini ta' ġestjoni ta' proġetti u l-ipproċessar tal-ħlasijiet fil-kampjun tal-proġetti ttestjati, ġew identifikati nuqqasijiet serji li jaffettwaw l-effettività tas-sistema ġenerali ta' kontroll intern. Minn mindu saret l-awditu, l-aġenzija ħadet azzjoni biex tindirizza dawn in-nuqqasijiet. Is-Servizz tal-Awditjar Intern innota li r-riskji sottostanti ġew parzjalment mitigati u ddegradaw il-klassifikazzjoni tar-rakkomandazzjoni minn kritika għal importanti ħafna.

L-attivitajiet ta' disseminazzjoni u sfruttament huma ta' importanza kbira biex jiġi mmassimizzat l-impatt ta' Orizzont 2020. Huma jaħdmu billi jiżguraw l-**użu u d-disseminazzjoni effettivi tar-riżultati tal-attivitajiet ta' riċerka ffinanzjati mill-UE.** Ir-rwol tal-Kummissjoni huwa li tappoġġa l-benefiċjarji ta' Orizzont 2020 b'inizjattivi speċifiċi u għodod iddedikati u li tiżgura li l-benefiċjarji jikkonformaw mal-obbligi kuntrattwali. L-Ċentru ta' Appoġġ Komuni fassal proċess adegwat ta' disseminazzjoni u sfruttament appoġġat minn fluss tax-xogħol tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jinkludi l-kontrolli obligatorji li l-uffiċjali tal-proġetti jridu jwettqu meta jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-pjan ta' disseminazzjoni u sfruttament miftiehem fil-ftehim tal-għotja. Madankollu, hemm dgħufijiet fl-applikazzjoni prattika tal-proċess ta' bħalissa. Għalhekk, is-Servizz tal-Awditjar Intern għamel rakkomandazzjonijiet biex jiżgura li: (i) il-konformità mal-obbligi kuntrattwali ta' disseminazzjoni u sfruttament u mar-rekwiżiti ta' rappurtar ikunu mmonitorjati b'mod xieraq; u (ii) hemm livell xieraq ta' segwitu tal-attivitajiet ta' disseminazzjoni u sfruttament wara li jiġu implimentati l-proġetti.

Id-**Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir** jimmaniġġja l-proċeduri tal-għotjiet tal-allokazzjonijiet u l-akkwisti taħt l-Istrument Ewropew tal-Viċinat taħt ġestjoni diretta. Il-missjonijiet ta' superviżjoni għad-delegazzjonijiet tal-UE huma għodda importanti biex tingħata assigurazzjoni raġonevoli lill-uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega dwar l-effettività u l-effiċjenza tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fis-seħħ fid-delegazzjonijiet tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat. Is-Servizz tal-Awditjar Intern identifika kwistjoni li tikkonċerna l-missjonijiet ta' superviżjoni. Is-Servizz tal-Awditjar Intern irrakkomanda lid-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir li jirrevedi l-proċeduri tiegħu sabiex itejjeb l-effettività tal-missjonijiet ta' superviżjoni, b'mod partikolari billi (i) jintroduċi ppjanar ibbażat fuq ir-riskju ta' missjonijiet ta' superviżjoni; (ii) jirrevedi l-frekwenza tal-missjonijiet; (iii) jadatta t-tul taż-żjarat fuq il-post għar-rekwiżiti tal-istruzzjonijiet dwar il-fażi ta' finalizzazzjoni tal-missjonijiet; u (iv) iwaqqaf proċedura għat-tixrid tal-aħjar prattiki għal delegazzjonijiet oħra tal-UE.

Awditu tal-**Istrument ta' Sħubija fis-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija** identifika dgħufijiet fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' missjonijiet ta' superviżjoni mis-sede. Barra minn hekk, is-Servizz tal-Awditjar Intern irrakkomanda lis-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija li jsaħħaħ l-ambjent ta' kontroll fid-delegazzjoni tal-UE għall-Istati Uniti tal-Amerika. Fid-dawl tad-dgħufijiet identifikati fl-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet għall-ġestjoni tal-Istrument ta' Sħubija f'din id-delegazzjoni tal-UE. Dawn id-dgħufijiet jistgħu jaffettwaw l-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet u jistgħu jwasslu biex l-attivitajiet frawdolenti ma jinstabux fil-ħin.

L-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Flas tal-Intitolamenti Individwali huwa responsabbli mit-tmexxija tal-**Iskema Konġunta tal-Assigurazzjoni tal-Mard**, l-assigurazzjoni għall-inċidenti u l-mard ikkaġunat mix-xogħol. Awditu tal-istrateġija ta' kontroll tal-Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u l-Pagament tad-Drittijiet Individwali kkonkluda li l-uffiċċju fassal u implimenta b'mod adegwat kontrolli interni effiċjenti u effettivi tal-Iskema Konġunta tal-Assigurazzjoni tal-Mard u tal-assigurazzjoni tal-aċċidenti, ħlief għal żewġ dgħufijiet. L-awditu għalhekk għamel rakkomandazzjonijiet dwar: (i) ir-rieżami u d-dokumentazzjoni tal-istrateġija Konġunta għall-kontroll tar-Reġim tal-Assigurazzjoni tal-Mard; u (ii) l-effikaċja u l-effiċjenza tal-kontrolli *ex ante* u *ex post*.

#### 4.1.2.2. Ġestjoni Indiretta

Fil-qasam tal-fondi ġestiti indirettament, diversi awditi ffukaw fuq **l-arranġamenti superviżorji fis-seħħ fid-direttorati ġenerali u s-servizzi**. Ma ġiet identifikata l-ebda dgħufija ta' prestazzjoni sinifikanti fi tnejn minn dawn l-awditi (17).

Madankollu, f'żewġ awditi oħra f'oqsma speċifiċi, ġew identifikati dgħufijiet fil-**ġestjoni tal-istrumenti Finanzjarji** (18). Minħabba li l-kawża ewlenija ta' xi wħud mill-kwistjonijiet identifikati hija fuq livell ċentrali, inħarġet ukoll ittra ta' ġestjoni li tipprovdni suġġerimenti għal titjib lid-Direttorati Ġenerali għall-Baġit u għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

- Fl-awditu ta' **l-istrumenti finanzjarji LIFE fid-Direttorati Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika u l-Ambjent**, is-Servizz tal-Awditjar Intern ikkonkluda li għalkemm b'mod ġenerali d-direttorati ġenerali stabbilew proċessi superviżorji adegwati biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji, għad hemm dgħufija fil-viżibbiltà u l-promozzjoni tal-kontribuzzjoni tal-UE. Sabiex jinstab rimedju għal din id-dgħufija, jenħtieġ li d-direttorati ġenerali jivverifikaw u jissorveljaw b'mod regolari li r-rekwiżiti tal-ftehimiet ta' delega huma rrispettati fil-prattika.
- Wara li ntemm l-awditu tal-**immaniġġjar tal-faċilitajiet ta' investment** fid-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp fl-2017, is-Servizz tal-Awditjar Intern wettaq awditjar simili tal-Faċilità ta' Investment tal-Viċinat u l-Qafas ta' Investment għall-Balkani tal-Punent fid-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir fl-2018. L-awditu sab li filwaqt li d-disinn ġenerali taż-żewġ faċilitajiet ta' investment huwa adegwat, hemm bosta dgħufijiet fl-implimentazzjoni tagħhom li jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex jittejjbu l-attivajiet ta' monitoraġġ u l-ġestjoni finanzjarja.

Fl-aħħar nett, awditu dwar il-**proċess tal-bini tal-assigurazzjoni** fil-kwartieri ġenerali, fil-kwartieri ġenerali tad-**Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp** identifika dgħufija fil-proċess ta' monitoraġġ għad-dikjarazzjonijiet annwali ta' ġestjoni. Dawn id-dikjarazzjonijiet annwali ta' ġestjoni huma pprovduti mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u/jew aġenziji nazzjonali li jimplimentaw proġetti taħt ġestjoni indiretta. Is-Servizz tal-Awditjar Intern irrakkomanda lid-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp li jenħtieġ li: (i) jistabbilixxi gwida speċifika dwar il-proċess ta' monitoraġġ (kontrolli, skedar u segwitu); u (ii) jipprovdni informazzjoni fir-rapport annwali tal-attività dwar l-istatus tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u dwar il-kontribut tagħhom għall-proċess tal-bini tal-assigurazzjoni.

---

17 Awditu tas-superviżjoni tal-ġestjoni tal-proġetti u l-pagament tal-GALILEO fid-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs; Awditu tas-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-programm Copernicus fid-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs - it-II fażi.

18 Strument finanzjarju: miżura tal-Unjoni ta' appoġġ finanzjarju pprovdut mill-baġit sabiex jiġi indirizzat objettiv speċifiku ta' politika tal-Unjoni wieħed jew aktar li tista' tkun fil-forma ta' investimenti ta' ekwità jew ta' kważi ekwità, self jew garanziji, jew ta' strumenti oħrajn ta' qsim tar-riskju, u li tista', fejn adatt, tkun ikkombinata ma' forum oħrajn ta' appoġġ finanzjarju jew ma' fondi taħt ġestjoni kondiviża jew fondi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).

### 4.1.2.3. Ġestjoni kondiviża

Fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża, sitt awditi komprensivi/tal-prestazzjoni vvalutaw il-proċessi ta' ġestjoni u ta' pagament tal-programm. Ma ġiet identifikata **l-ebda dgħufija sinjifikanti ta' prestazzjoni** f'dan il-qasam.

## 4.2. Konklużjonijiet limitati tas-Servizz tal-Awditjar Intern

Is-Servizz tal-Awditjar Intern ħareġ **konklużjonijiet limitati dwar l-istat ta' kontroll intern lil kull Direttorat Ġenerali u Servizz** fi Frar 2019. Dawn il-konklużjonijiet limitati kkontribwew għar-rapporti annwali tal-attività tal-2018 tad-direttorati ġenerali u tas-servizzi kkonċernati. Jibbażaw fuq il-ħidma tal-awditjar imwettqa fl-aħħar 3 snin u jkopru r-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha maħruġa mis-Servizz tal-Awditjar Intern u mill-eks Strutturi tal-Awditjar Intern (dment li s-Servizz tal-Awditjar Intern ħa dawn ir-rakkomandazzjonijiet taħt idejha). Il-konklużjoni tas-Servizz tal-Awditjar Intern dwar l-istat tal-kontroll intern hija limitata għas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li ġew awditjati. Il-konklużjoni ma tkoprix dawk is-sistemi li ma ġew awditjati mis-Servizz tal-Awditjar Intern f'dawn l-aħħar 3 snin.

Ingħatat attenzjoni partikolari, li wasslet għal **riżervi fir-rapport annwali tal-attività** tas-servizz ikkonċernat, fil-konklużjoni limitata tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura fir-rigward ta' rakkomandazzjoni kritika waħda u żewġ rakkomandazzjonijiet importanti ħafna maħruġa fil-kuntest tal-awditu dwar Erasmus + u Ewropa Kreattiva — il-fażi II tal-ġestjoni tal-għotjiet.

## 4.3. Opinjoni kumplessiva dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni

Kif meħtieġ fil-Karta tal-Missjoni tiegħu, is-Servizz tal-Awditjar Intern joħroġ **opinjoni ġenerali annwali dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni**. Din hija ibbażata fuq il-ħidma ta' awditjar fil-qasam tal-ġestjoni finanzjarja fil-Kummissjoni, mwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Intern matul it-3 snin ta' qabel (2016-2018). Din tqis ukoll l-informazzjoni minn sorsi oħra, jiġifieri r-rapporti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Bħal f'edizzjonijiet preċedenti, l-opinjoni ġenerali tal-2018 hija kwalifikata fir-rigward tar-riżervi magħmula fid-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni mill-uffiċjali awtorizzanti b'delega. Meta wasal għall-opinjoni ġenerali tiegħu, is-Servizz tal-Awditjar Intern **ikkunsidra l-impatt ikkombinat** tal-: (i) **l-ammonti stmati li huma f'riskju** kif iddivulgati fir-rapporti annwali tal-attività; (ii) **il-kapaċità korrettiva**, kif evidenzjat mill-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri tal-passat; u (iii) **estimi tal-korrezzjonijiet futuri u ammonti f'riskju fl-għeluq**. Minħabba d-daqs tal-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri mgħoddija u jekk wieħed jassumi li l-korrezzjonijiet fis-snin futuri se jsiru f'livell komparabbli, **il-Baġit tal-UE huwa protett b'mod adegwat kollu kemm hu** (mhux neċessarjament f'oqsma ta' politika individwali) **u matul iż-żmien** (xi kultant diversi snin aktar tard).

Mingħajr ma kompla jikkwalifika l-opinjoni ġenerali, is-Servizz tal-Awditjar Intern **enfasizza din il-kwistjoni**:

*L-istrategġi tas-superviżjoni rigward l-implimentazzjoni ta' politiki u programmi minn partijiet terzi*

Minkejja li tibqa' totalment responsabbli biex tiżgura l-legalità u r-regolarità tan-nefqa u l-ġestjoni finanzjarja soda (kif ukoll l-ilħuq tal-obbjettivi tal-politika), **il-Kummissjoni tiddependi dejjem aktar fuq partijiet terzi biex timplimenta l-programmi tagħha**. Dan qed isir l-aktar billi tiġi ddelegata l-implimentazzjoni tal-baġit operattiv jew ċerti kompiti lil pajjiżi 'il barra mill-UE, lil organizzazzjonijiet internazzjonali jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, lill-awtoritajiet u aġenziji nazzjonali, impriżi konġunti, korpi mhux tal-UE u aġenziji deċentralizzati. Barra minn hekk, f'xi oqsma ta' politika, qed isir aktar użu tal-istrumenti finanzjarji taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (2014-2020) attwali. Tali strumenti u mekkaniżmi ta' finanzjament alternattivi jikkostitwixxu sfidi u riskji speċifiċi għall-Kummissjoni, kif ġie enfasizzat ukoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Sabiex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet ġenerali tagħhom, id-dipartiment tal-Kummissjoni jridu jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-programmi u politiki u jipprovdu gwida u assistenza fejn meħtieġ. Għalhekk huma jridu jiddefinixxu u jimplimentaw attivitajiet ta' superviżjoni/monitoraġġ/rappurtar tal-attivitajiet effettivi u effiċjenti biex jiżguraw li l-entitajiet delegati u sħab oħra jimplimentaw il-programmi b'mod effettiv, jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE b'mod xieraq, jikkonformaw mal-ftehimiet tad-delega, meta applikabbli, u jaraw li kwalunkwe kwistjoni potenzjali tiġi identifikata u indirizzata malajr kemm jista' jkun.

**Is-Servizz tal-Awditjar Intern irrakkomanda f'għadd ta' awditi li l-istrateġiji ta' kontroll u l-arranġamenti superviżorji tad-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni jenħtieġ li jiċċaraw aħjar il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tagħhom u jeħtieġ li jiksibu assigurazzjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja soda f'dawn il-korpi tal-UE u mhux tal-UE.**

Għalkemm f'dawn l-aħħar snin ittiegħu azzjonijiet kemm fil-livell tas-servizzi ċentrali kif ukoll f'dak tad-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni biex jittaffew ir-riskji identifikati b'riżultat tax-xogħol ta' awditjar, għad hemm bżonn ta' aktar titjib f'ċerti oqsma.

Barra minn hekk, is-Servizz tal-Awditjar Intern jinnota li, mingħajr preġudizzju għar-riżultat tan-negozjati li għaddejnin bħalissa dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid (2021–2027), l-aġenziji deċentralizzati u l-korpi l-oħra tal-implimentazzjoni se jkomplu jiġu fdati b'responsabbiltajiet operattivi f'ċerti oqsma. F'dan il-kuntest, id-dipartimenti tal-Kummissjoni għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskji involuti fid-delega ta' kompiti lil partijiet terzi u jsegwu attivitajiet superviżorji effettivi u effiċjenti billi jkomplu jiżviluppaw l-istrateġiji ta' kontroll rilevanti.

Għall-ġejjieni, is-Servizz tal-Awditjar Intern se jimmonitorja l-iżviluppi fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid bħala parti mill-aġġornament tiegħu tal-valutazzjoni tar-riskju strateġiku u l-pjan tal-awditjar sabiex jivvaluta fil-ħin ir-riskji għoljin relatati u, fejn xieraq, jivvaluta t-tnejja tad-dipartimenti tal-Kummissjoni biex jimplimentaw l-oqfsa l-ġodda ladarba jiġu adottati.

Il-kwistjonijiet indirizzati waqt l-enfasi tal-Awditur Intern dwar il-kwistjoni hawn fuq huma punti ta' attenzjoni partikolari għall-Kummissjoni.

L-istrumenti finanzjarji innovattivi u l-mekkaniżmi ta' finanzjament alternattivi għandhom rwol dejjem aktar importanti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. L-użu akbar li sar mill-istrumenti finanzjarji skont il-qafas finanzjarju pluriennali attwali vera li huwa essenzjali sabiex jiġi katalizzat l-investiment privat u jiġi mmassimizzat l-impatt tal-baġit tal-UE. Il-Kummissjoni pproponiet li din għandha tkompli taħt il-qafas multiannwali li jmiss u hija impenjata li tiżgura li kwalunkwe riskji relatati jittaffew b'mod xieraq.

Il-Kummissjoni qiegħda wkoll tagħti attenzjoni mill-qrib għas-superviżjoni xierqa tal-aġenziji u ta' korpi ta' implimentazzjoni oħrajn. Pereżempju, fl-2018, is-servizzi ċentrali u d-dipartimenti waqqfu grupp ta' ħidma biex jiċċaraw u jiddelinjaw ir-rwol tad-dipartimenti li jissorveljaw l-aġenziji eżekuttivi. Fir-rigward tal-aġenziji deċentralizzati, ir-regolament finanzjarju ta' qafas il-ġdid tejjeb l-arranġamenti ta' governanza u l-aġenziji deċentralizzati qiegħdin isaħħu l-ġestjoni tar-riskju tagħhom. Il-Kummissjoni se tkompli tiegħu azzjoni, fejn rilevanti, biex timmonitorja, timmitiga u tindirizza kontinwament ir-riskji relatati mad-delega ta' kompiti lil partijiet terzi.

## 5. KONSULTAZZJONI MAL-BORD TAL-IRREGOLARITAJIET FINANZJARJI TAL-KUMMISSJONI

Ma ġiet irrappurtata l-ebda problema sistemika fl-2018 mill-bord imwaqqaf taħt l-Artikolu 143 tar-Regolament Finanzjarju, fejn jagħti l-opinjoni imsemmija fl-Artikolu 93 tar-Regolament Finanzjarju (19).

## 6. MIŻURI TA' MITIGAZZJONI FIR-RIGWARD TA' KUNFLITTI TA' INTERESSI POTENZJALI (STANDARDS INTERNAZZJONALI) – INVESTIGAZZJONI TAL-OMBUDSMAN EWROPEW

Id-Direttur Ġenerali attwali tas-Servizz tal-Awditjar Intern, l-Awditur Intern tal-Kummissjoni s-Sur Manfred Kraff, ħa l-kariga tiegħu fl-1 ta' Marzu 2017. Is-Sur Kraff qabel kien id-Deputat Direttur Ġenerali u l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni fid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit tal-Kummissjoni.

F'konformità mal-istandards internazzjonali tal-awditjar (20), fis-7 ta' Marzu 2017, wara l-ħatra tiegħu bħala Direttur Ġenerali u Awditur Intern, is-Sur Kraff ħareġ **struzzjonijiet dwar l-arranġamenti li għandhom ikunu fis-seħħ sabiex jiġi mmitigat u / jew jiġi evitat kull kunflitt ta' interess potenzjali jew anki pperċepit biss rigward il-ħidma tal-awditjar tas-Servizz tal-Awditjar Intern** fir-rigward tar-responsabbiltajiet preċedenti tiegħu. Dawn l-arranġamenti ġew ipprolongati fl-2018 (għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2018 sal-1 ta' Marzu 2019) u fl-2019 permezz ta' noti ta' struzzjonijiet lill-persunal kollu tas-Servizz tal-Awditjar Intern maħruġa mis-Sur Kraff fl-1 ta' Marzu 2018 u l-1 ta' Marzu 2019. Skont dawn l-arranġamenti, li issa ġew ipprolongati sal-1 ta' Marzu 2020, is-Sur Kraff mhux se jkun involut fis-superviżjoni u x-xogħol ta' awditjar tal-operazzjonijiet li kien responsabbli għalihom qabel ma ngħaqad mas-Servizz tal-Awditjar Intern. Is-superviżjoni tax-xogħol ta' awditjar relatat ma' dawn il-każijiet fl-aħħar mill-aħħar waqa' taħt ir-responsabbiltà tas-Sur Jeff Mason, l-eks Aġent Direttur Ġenerali tas-Servizz tal-Awditjar Intern (Settembru 2016-Frar 2017) u d-Direttur attwali tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS.B, l-Awditjar fil-Kummissjoni u fl-aġenziji eżekuttivi I). L-arranġamenti pprevedew ukoll li l-Kumitat għall-Progress tal-Awditjar se jiġi infurmat dwar dawn l-istruzzjonijiet u l-implimentazzjoni tagħhom, u li s-Sur Mason se jikkonsulta lill-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar għall-valutazzjoni ta' kull sitwazzjoni li tista' tiġi interpretata li ddgħajfef l-indipendenza jew l-oġġettività tas-Sur Kraff. F'dawn il-każijiet, is-Sur Kraff għandu joqgħod lura minn kwalunkwe superviżjoni fuq il-ħidma relatata mal-awditjar.

L-arranġamenti fis-seħħ kienu diskussi mal-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar fil-laqqha tiegħu ta' Marzu 2018. Il-kumitat ikkunsidra li l-miżuri mfassla mis-Servizz tal-Awditjar Intern jindirizzaw b'mod adegwat ir-riskju ta' kunflitt ta' interess f'konformità mal-istandards internazzjonali u l-aħjar prattika. Il-kumitat innota wkoll b'sodisfazzjon li l-arranġamenti biex tiġi żgurata l-indipendenza organizzattiva ġew implimentati fil-prattika fl-awditi rilevanti. Il-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar ħa kont tal-implimentazzjoni reali fl-2018 ta' dawn l-arranġamenti fil-laqqha preparatorja tal-grupp tat-30 ta' Jannar 2019. Il-Kumitat dwar il-Progress tal-Awditjar innota b'sodisfazzjon li dawn l-arranġamenti ġew implimentati fil-prattika f'għadd ta' awditi u kkunsidra li din kienet prattika ewlenija fil-professjoni tal-awditjar intern.

Fl-4 ta' Diċembru 2017, l-Ombudsman Ewropew baġhat ittra lill-Kummissjoni Ewropea fejn infurmaha li, wara ilment ta' membru tal-pubbliku se tinfetaħ inkjesta sabiex tiġi vvalutata l-adeqwatezza tal-miżuri meħuda mill-Kummissjoni sabiex jiġi evitat kull kunflitt ta' interess (jew il-

---

19 Ta' min jinnota li sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament Finanzjarju (RF) il-ġdid, il-funzjonijiet tal-bord għall-irregolaritajiet finanzjarji ta' l-istituzzjonijiet kollha ġew trasferiti lill-Bord tas-Sistema ta' Individwazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni msemmi fl-Artikolu 143 tar-RF.

20 L-istandards internazzjonali tal-awditjar, li jirreferi b'mod ċar għalihom ir-Regolament Finanzjarju fl-Artikolu 98 ("ħatra tal-Awditur Intern"), jistipulaw li: 'Jekk l-indipendenza jew l-oġġettività hija mxekkla fil-fatt jew fid-dehra, id-dettalji ta' indeboliment iridu jiġu żvelati lill-partijiet xierqa. In-natura tal-iżvelar tiddependi fuq l-indeboliment.' (Istitut tal-Awdituri Interni (IAA)-IPPF standard 1130). Barra minn hekk, l-istandards jistipulaw li: 'l-awdituri interni jridu joqgħodu lura milli jivvalutaw operazzjonijiet speċifiċi li għalihom kienu preċedentement responsabbli. L-oġġettività hija preżunta li tkun indebolita jekk awditur intern jipprovi servizzi ta' aċċertament għal attività li għaliha l-awditur intern kien responsabbli matul is-sena ta' qabel' (Istitut tal-Awdituri Interni (IAA)-IPPF standard 1130.A1).



perċezzjoni tiegħu) fir-rigward tal-ħatra tad-Direttur Ġenerali l-ġdid tas-Servizz tal-Awditjar Intern. Is-servizz tal-Awditjar Intern u s-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni wiegħbu għad-diversi mistoqsijiet imqajma mill-Ombudsman, u pprovdew id-dokumenti ta' sostenn u l-informazzjoni kollha mitluba. Is-Servizz tal-Awditjar Intern jinnota li, fis-17 ta' Diċembru 2018, l-**Ombudsman indika f'ittra li ntbagħtet lill-Kummissjoni li hu kien ivvaluta l-miżuri li kienu ttieħdu mill-Kummissjoni biex jiġi evitat kull kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali bħala 'ġeneralment rassikuranti'**. Madankollu, f'din l-ittra, l-Ombudsman talab ukoll għal aktar informazzjoni dwar kwistjoni speċifika waħda relatata mal-linji ta' rappurtar għall-evalwazzjonijiet għall-2017. Il-Kummissjoni baġtet l-informazzjoni rilevanti lill-Ombudsman f'April 2019.

Fis-27 ta' Settembru 2018 u s-7 ta' Jannar 2019, waqt is-seduti bħala parti mir-rilaxx tas-sena ta' rappurtar 2017, is-Sur Kraff **ippreżenta l-arranġamenti kollha fis-seħħ lill-Kumitat ta' Kontroll Baġitarju tal-Parlament Ewropew (CONT)**. Dawn l-arranġamenti **ġew ippubblikati** fir-rapporti ta' attività annwali tas-Servizz tal-Awditjar Intern għall-2017 u l-2018 (maħruġa f'Marzu 2018 u 2019) u fir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-awditjar intern (dak li kien ir-rapport tar-Regolament Finanzjarju "Artikolu 99(5)", maħruġ f'Settembru 2018).

## **7. AKTAR MONITORAĠĠ U SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-AWDITJAR**

L-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni mfassla bi tweġiba għall-awditi tas-Servizz tal-Awditjar Intern ta' din is-sena u għal dawk imġoddija tikkontribwixxi **għat-titjib kostanti tal-qafas ta' kontroll intern tal-Kummissjoni**. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport jiġbor fil-qosor il-miżuri ta' segwitu li qed jiġu implimentati bħalissa mid-dipartimenti tal-Kummissjoni. Is-servizz tal-Awditjar Intern se jwettaq impenji ta' segwitu dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Dawn l-impenji se jiġu kkunsidrati mill-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar, li se jinforma lill-Kulleġġ kif xieraq.